**LOMBARD BANK JIRRAPORTA QLIEGĦ QABEL IT-TAXXA TA' Lm1.1 MILJUNI GĦAS-SITT XHUR LI GĦALQU FIT- 30 TA' ĠUNJU 2004**

Lombard Bank Malta p.l.c. għamel qliegħ qabel it-taxxa ta' Lm1.094 miljuni, żieda ta' 54% fuq l-2003. Dawn il-figuri joħorġu mill-kontijiet unaudited tal-Lombard Bank u s-sussidjarji tiegħu li ġew approvati mill-Bord tad-Diretturi li ltaqa' llum fil-Belt Valletta u li jkopru perjodu ta' sitt xhur mill-1 ta' Jannar 2004 sat-30 ta'Ġunju 2004.

Minkejja l-kompetizzjoni qawwija fis-self kif ukoll tnaqqis ġeneral fl-imgħaxijiet, il-Bank irnexxielu jsaħħaħ il-qliegħ fuq l-imgħaxijiet b' 14% għal Lm1.65 miljuni. Ħlasijiet għal servizzi u kummissjonijiet irreġistraw żieda ta' 22% filwaqt li qliegħ minn-negozju fil-kambju żdied b'34%. B'riżultat ta' dan, l-Operating Income telgħa minn Lm1.82 miljuni fl-2003 għal Lm2.15 miljuni, żieda ta' 18%. L-Ispejjeż amministrattivi kibru b' 9%, minħabba żieda fl-ispejjeż ta' riżorsi umani, kif ukoll fit-tisħiħ ta' strutturi u sistemi operattivi. L-ispiża għan-net impairment losses niżlet għal Lm43,000 minn Lm86,000 is-sena l-oħra. Meta bbażat fuq il-profitt wara t-taxxa ta' Lm708,000 għall-perjodu (2003 - Lm468,000) il-qliegħ għal kull sehem huwa ta' 17c5 (2003 - 11c7).

Id-depożiti mal-Bank niżlu marġinalment u jlaħħqu Lm162 miljuni. Kien hemm żieda ta' 7% fis-self li issa jammonta għal Lm61.3 miljuni, filwaqt li l-likwidità tal-Bank baqgħet fuq livelli għolja. Il-fondi ta' l-azzjonisti żdiedu għal Lm12.4 miljuni li jfisser solvency ratio ta' madwar 20%, notevolment ogħla mill-livelli minimi regolatorji ta' 8%. Aggregate Memorandum Items ta' Lm25.6 miljuni jirriflettu id-diversità tan-negozju tal-bank li jinkludi n-negozju fil-kambju, fiduciary transactions, u garanziji għan-nom tal-klijentela. L-assi totali fit-30 ta' Ġunju 2004 kien jammontaw għal Lm182 miljuni.

Il-Bord tad-Diretturi jinnota li t-tisħiħ fir-riżultati jirrifletti tmexxija prudenti kif ukoll klijentela ta' livell għoli. Il-Bank bħalissa għaddej minn aġġornament fit-teknoloġija u l-Bord huwa ottimist li dan ser ikun rifless fir-riżultati futuri tiegħu. L-għanijiet prinçipali għat-tieni nofs tas-sena se jkunu li l-Bank jibqa' jkun selettiv fl-għażla tiegħu tan-negozju, kif ukoll li jsaħħaħ it-teknoloġija sabiex iwassal prodotti u servizzi aħjar lill-klijenti, filwaqt li jkabbar il-valur għall-azzjonisti tiegħu.